# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Bojan Petrovic

Illum 03 ta' Frar, 2025

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Bojan Petrovic, bin n/a, imwieled fil-10/05/1987 u joqghod 182, St. Angelo, Flt 6, Triq San Filippu, Birzebbuga, ID 92812L.

Billi int akkuzat talli fit-8 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta ta' 19.45 hrs mar-roundabout maghrufa 'tal-airport', Vjal l-Avjazzjoni, Gudja soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni LDB 325;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
3. U aktar talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek

b’sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura, ziemel jew frat;

4. U talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta;
5. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
6. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt jew involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta’ Paul Spiteri.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l- Artikolu 328(d)tal-Kap 9 Art 15(1)(a)(2)(3)tal Kap 65 Art 3(1) Kap 104 SL65.11 Art 75 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PC 1225 Roderick Zammit** xehed permezz ta’ affidavit

**Stephen Cachia** in rappresentanza ta’ transport Malta xehed permezz ta’ affidavit

**<u>PC 636 Brendon Pullicino,</u>** xehed hekk

Pros: Inti kont xoghol u kont involut f`incident awtomobilistiku?

Xhud: Iva.

Pros: Spjega il-qorti meta, kif gara l-incident qed tarfu l-persuna li kont involut fl-incident?

Xhud: Iva is-sinjur ta` warajja.

Qorti: Ix-xhud indika l-imputat.

Pros: Ghidilna x`gara meta u kif?

Xhud: Mela nhar it-8 ta` Dicembru ahna konna xoghol night watch,

Pros: Fi x`hin bejn wiehed u iehor?

Xhud: Ghal-habta ta` xi tmienja.

Pros: Ta` filghodu jew ta` fil-ghaxija?

Xhud: Le le night watch ta` bil-lejl konna qed induru mar-roundabout tal-Airport fejn qabel infurmawna li kellna

bicca xoghol li ma nahsibx li ghandha x`taqsam u konna qed induru mar-rounabout biex nidhlu direzzjoni lejn Hal-Kirkop.

Qorti: F`liema lane kont?

Xhud: Ahna konna,

Qorti: Mhux ahna int kont  qed issuq ibni int fejn kont?

Xhud: Iva kont fuq il-lane ta` barra kellna is-sirena mixghula u fil-waqt li hin minnhom karozza li kienet fuuq il-lane ta` gewwa tas-sinjur riedet tmur direzzjoni lejn Hal-Far u dahhlet fil-bieba tal-genb tal-karozza taghna.

Pros: Tghidilna in-number plates tal-vettura tas-servizz li kont qed issuq u ta` l-ohra li sar l-impatt maghha?

Xhud: Tas-servizz GVP 195 u l-ohra jekk minix sejjer zbaljat LDB minix cert fuqhom imma.

Pros: Tiftakar il-mudell tal-karozza x`kien?

Xhud: Iva Demio.

Qorti: Il-habta fejn sehhet ha nurik l-isketch dawn kif spiccaw il-karozzi issa l-habta sehhet hemm jew fejn ?

Xhud: Mela il-habta saret ftit zghira qabel ghax il-karozza taghna kienet daqxejn zghira iktar lura u tieghu ovvjament kienet qaxejn iktar lura ghax hu ried imur direzzjoni lejn Hal-Far.

Qorti: Fejn taf li ried imur Hal-Far?

Xhud: Qalilna hu stess.

Pros: Il-karozza tas-servizz garbet xi hsarat?

Xhud: Iva il-karozza tas-servizz kellha l-bieba tax-xufier u xi slieh mal-genb.

Pros: Intom dak il-hin iccekkjajtulu xi dokumenti lis-sinjur?

Xhud: Ahna l-ewwel haga li ghamilna fuq il-post saqsejnieh ghall-ghajnuna medika kif ukoll wasslu ukoll tad-distrett gejna mitlubin is-soltu procedura id-driving license kemm taghna u kemm tieghu u s-surgent tad-distrett sab li id-driving license tieghu kienet expired.

Qorti: Imma inti ma taf xejn minn dan kollu?

Xhud: Kont prezenti.

Qorti: Imma inti iccekkjajt?

Xhud: Kont prezenti hemmekk ma ccekkjajthomx jien perse imma kont prezenti biex niccekkjawhom.

Avukat: Imma ccekkjawhom kif iccekkjawhom?

Xhud: Mal-pulizija.

Avukat: Imma bit-telephone.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami.

Avukat: Xejn.

**PC 2 Glenn Ellul,** xehed hekk :

Xhud: Iva nahlef, mela nhar it-8 ta` Dicembru 2020 kont xoghol night watch flimkien mal-kollega tieghi PC 636 Brandon Pullicino u konna hergin mil-mina tal-airport u konna qed induru mar-roundabout direzzjoni ergajna ghal Hal-Kirkop lejn il-McDonalds biex nifthemu konna ghaddejjin bil Beacle lights u bis-sireni u ahna konna qeghdin fuq il-lane ta` gewwa biex nifthemu qed induru hekk mar-roundabout kienet gejja Mazda Demio bid-direzzjoni ghal-Hal-Luqa minghajr indicator biex tiogbed ghall Hal-Far u l-siehbi bdejt nghidlu igbed il-gewwa igbed il-gewwa u beda

jigbed il-gewwa kemm jista ghal mac-central strip u dil-Mazda baqet gejja go fina.

Pros: Siehbek fakkarna x`jismu?

Xhud: Brendon Pullicino PC 636.

Qorti: Intom kontu GVP hux hekk?

Xhud: GVP.

Qorti: 195 il-karozza l-ohra ghandek idea x`numru kellha?

Xhud: Mazda Demio In-number plate kien LDB pero in-numri insejthom niftakar kif sar l-impatt kien hemm tifla zghira fuq in-naha tal-passiggier u nzilt nara jien biex nara ghandiex bzonn assistenza medika jew xi ambulanza umbghad infurmajna lis-surgent taz-Zejtun.

Pros: Meta sar l-impatt iccekkjajtu is-sinjur Petrovic kellux, iccekkjajtu id-dokumenti tas-sur Petrovic?

Xhud: Ahna infurmajna lis-surgent taz-Zejtun ghax peress li kienet il-habta ahna kontra is-sinjur Petrovic infurmajna lis-surgent taz-Zejtun biex ma jkunx hemm konflitt ta` interess.

Pros: Kien hemm xi hsarat kemm fil-vettura ta sur Petrovic u taghkom?

Xhud: Rigward hsara fuq il-vettura taghna tas-servizz kull ma kellna daqxejn il-mudguard u daqxejn il-bieba pero ma kellniex daqs kemm kellu hu.

Pros: Tan-naha tal-passiggier jew tan-naha l-ohra?

Xhud: Tan-naha tax-xufier ta quddiem.

Pros: U tal-Mazda?

Xhud: Tal-Mazda kellu il-bumper ta` quddiem li niftakar kellu l-bumper ta` quddiem, bonnet, il-fanali zgur kellu kellu hsara quddiem.

Qorti: Qed taraf il xi hadd hawnekk int?

Xhud: Qed naraf is-sinjur.

Qorti: Bhala xiex?

Xhud: Li kien qed isuq il-vettura.

Qorti: Mela ix-xhud qed jindika l-imputat.

Pros: Id-ditta tal-vettuura?

Xhud: Il-vettura kienet Mazda Demio LDB pero in-numri ma niftakarx x`kienu.

Avukat: U x`kienet id-data?

Xhud: Id-data kienet 8 ta` Dicembru 2020.

Avukat: Mela inti ghedtilna kontu gejjin mil-liema direzzjoni kont gej?

Xhud: Ahna konna gejjin konna qed induru mar-roundabout hergin mil-mini konna bid-dawl u sireni hergin u riedna nergu induru minn fejn gejna konna fuq in-naha ta gewwa.

Avukat: U is-sinjur minn fejn kien gej?

Xhud: Is-sinjur kien gej minn Hal-Luqa hiereg minn Hal-Luqa.

Avukat: Issa jekk nghidlek mhux veru kien gej ukoll mid-direzzjoni minn fejn kontu gejjin intom anzi bil-kontra intkom kontu gejjin minn Hal-Luqa u hu kien gej minn Naha takl-McDonalds kien gej bit-tifla minn naha tal-McDonalds anzi nghidlek li hekk kienet id-direzzjoni xi tghid?

Xhud: Ahna konna x`hin konna qed induru ahna konna fuq il-lane ta`,

Qorti: Hu qed jghidlek haga ohra hu qed jghidlek li id-direzzjoni minn fejn kontu gejjin mhux kif qed tghid inti hu qallek xi haga ohra hux hekk avukat?

Avukat: Hekk hu, qed nghidlek hu kien gej minn naha tal-McDonalds gifieri mid-direzzjoni li kont suppost gej biha int kien bit-tifla ha t-tifla l-Mcdonalds u kien sejjer lura lejn B`Bugia ara naqblux illi hekk kienet ma tafx?

Qorti: To Zurrieq igifieri to McDonalds?

Xhud: Mhux ma nafx,

Qorti: Hu pacenzja ghax qed nithawwad jien to Zurrieq igifieri fejn hemm il-McDonalds?

Avukat: Mela dan ir-roundabout illum m`ghadux jezisti minn din in-naha gej minn naha ta Hal-Luqa,

Qorti: Hu pacenzja bija qed nara l-isketch jien at this point ghax dak ghandi quddiemi meta nghidu to Zurrieq, to Zurrieq fejn hemm il-McDonalds ha nipprova nifhem jien hekk ghandi nifhem Spettur to Zurrieq ifisser fejn hemm il-McDonalds qed nifhem sew?

Pros: Iva.

Avukat: Intom jekk nghidlek kontu qed idduru verament mar-roundabout mal-liema naha f`liema parti tar-roundabout naha close mar-roundabout jew in-naha ta barra tar-roundabout? Biex infhemek man-naha ta` vicin ir-roundabout jew iktar il-barra man-naha ta barra tar-roundabout?

Xhud: Il-vettura il-Mazda li kien qed isuq is-sinjur,

Avukat: Jien qed nistaqsik,

Xhud: Ha nfhemek sur avukat ha nfhemek, il-Mazda kienet fuq gewwa u ahna konna fuq barra qed induru,

Avukat: S`hemm qed naqblu hekk qed nablu,

Xhud: X`hin konna qed induru konna ga qbizniha il-liwja tal-Hal Far biex imorru direzzjoni lejn Hal-Far konna ga qbizniha l-impatt sar

Avukat: Imma inti fejn kont sejjer?

Xhud: Jien kont sejjer lejn il-mina ergajt.

Avukat: X`mina hi? Ha ddur,

Xhud: Qed induru,

Avukat: Ha ddur mar-roundabout biex tmur ghad-direzzjoni tal-mina,

Xhud: Pero fejn sar l-impatt it-triq ghal-Hal-Far tajjeb konna ga qbizniha tajjeb u min kien qed isuq,

Qorti: Bhal m`hemm fl-isketch ha nibdew minn hemm taqbel ma l-isketch int?

Xhud: L-impatt sar hawnekk iva.

Qorti: Imma taqbel ma l-isketch jew le dan kif spiccaw?

Xhud: Iva iva naqbel.

Avukat: Din x`inhija is-shaded?

Xhud: Dik hija ic-central strip sur avukat ic-central strip li tifred id-direzzjoni lejn Hal-Far u min hu hiereg minn Hal-Far biex nohorgu ghal mar-roundabout biex naqbdu jew lejn Hal-Kirkop jew lejn Hal-Luqa jew lejn il-Gudja.

Avukat: Orajt din ir-roundabout din qed iddur mar-roundabout din to Hal-Far u din to Zurrieq, xejn iktar.

Xhud: Sur Magistrat li nixtieq inzid il-vettura x`hin qed niksru, il-Mazda Demio fl-ebda hin ma nxteghel indikatur biex juri direzzjoni li sejjer lejn Hal-Far, m`ghandi xejn x`inzid.

Avukat: Mela ha naghmillek l-ahhar domanda inti kont bil-Beagle lights ghaddejin?

Xhud: Il-hin kollu bil-Beagle lights u bis-sirena ghaddeja.

Avukat: U ghalfejn x`kienet l-emergenza?

Xhud: Kellna bicca xoghol konna qed infittxu vettura.

Avukat: Allura l-speed taghkom bl-liema speed kontu ghaddejin? Bil-Beagle lights dak l-istorbju kollu bl-liema,

Xhud: Jien ma kontx qed insuq jien kont passiggier,

Avukat: Min kien qed isuq bl-liema speed kien ghadej?

Xhud: Ma nafx nghidlek ghax ma kellix kontroll tal-vettura.

Qorti: Int quddiem kont? Bil-qeghda fejn quddiem kont?

Xhud: Kont passiggier fuq in-naha tax-xellug.

Qorti: Inti u driver kontu bhala?

Xhud: Jiena u l-kollega tieghi kien qed isuq is-636 driver.

Avukat: Issa ma kellekx l-isteering f`idek imma tista tghidilna bl-liema speed kontu ghaddejin?

Xhud: Ma nistax nghidlek.

Avukat: Inti qatt ma rkibt go vettura taghmel distinzzjoni bejn issuq bilmod u issuq normali u ssuq bl-ghaggla tista taghmel distinzzjoni iva jew le?

Xhud: Iva.

Avukat: Mela ghidli kif kontu ghaddejin dik id-domanda toqghodx idurli mal-lewza? Kif kontu ghaddejin bi speed qawwi?

Qorti: Dottore dawn huma domandi frankament ghalija ma jaghmlux l-ebda differenzi ghax speed qawwi normali u baxx ghal-kull persuna differenti jfisser affarijiet differenti xi jfisser speed qawwi jien ghalija tmur bis-60 speed qawwi ghal haddiehor Forsi irid ikun 120 biex ikun qawwwi mhux kulhadd l-istess.

Avukat: Inti il-mod kif kontu qed issuqu dak in-nhar kien il-mod normali meta ma tkunux f`emergenza jew inkella bi speed m`gholli ghax kontu f`emergenza?

Xhud: Ma konniex fi speed gholi kif qed tiddeskrivi inti tajjeb pero ma konniex lanqas ghaddejin bilmod tajjeb pero ma konniex ghaddejin m`ghagglin hafna ghax konna qed induru ma roundabout.

Avukat: Ghax kontu qed idduru ma roundabout.

Qorti: Minuta igifieri intom l-incident beda fil-bokka ta` Hal-Far umbaghad bqajtu mexjin wara d`daqqa?

Xhud: Le il-bicca ta` Hal-Far qbizniha ezatt fin-nofs hekk mac-Central Strip filfatt il-karozza taghna,

Qorti: Allura il-vettura l-ohra ghax inti qabel semmejtli Hal-Far bhala direzzjoni tal-vettura l-ohra ghaliex semmejtli Hal-Far rigwardanti il-vettura l-ohra?

Xhud: Ghax ahna konna qed induru hekk u kif waqafna x-xufier qalilna jiena kont sejjer lejn Hal-Far.

Qorti: B`hekk taf?

Xhud: B`hekk naf u ghedtlu aqqas indicator ma xeghelt.

Avukat:	Xejn iktar.

**PS 614 Stilike Pullicino,**xehed hekk

Pros:	Surgent x`inhija il-kariga tieghek jekk jogghbok?

Xhud:	Jiena surgent il-garaxx tal-pulizija.

Pros:	Inti tiehu hsieb xi hsarat?

Xhud:	Niehu hsieb it-tiswijiet fuq vetturi tal-pulizija.

Pros:	Inti qieghed fi stat tikkonferma li garrbet hsarat GVP 194?

Xhud:	Iva il-hsarat li garrbet il-karozza GVP 195 mal-vettura Lima Delta Bravo fuq 325 tat-tip Mazda nhar it-8 ta` Dicembru 2020 ahna qed naccettaw it-tort voldieri tal-karozza u l-karozza issewwiet.

Pros:	M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avukat:	X`qal?

Qorti:	Qed naccettaw it-tort qallek.

Avukat: Huma?

Qorti: Hekk qal.

Xhud: Ehe ahna minn naha accettajna it-tort.

**<u>Bojan Petrovic,</u>** xehed hekk :

Xhud: Iva nahlef, jiena kont gej mill-McDonalds bit-tifla morna hadna McDonalds kont hiereg jekk tiftakar l-antika ir-roundabout qed indur ir-roundabout issa oivvjament kont qed indur ir-roundabout u smajt sirena mil-boghod x`hin kont qed indur ir-roundabout jien kont kwazi ksirt igifieri kont kwazi lejn Hal-Far u kwazi hrigt u x`hin il-karozza tal-pulizija rajtha gejja ovvjament biex ma jtunix head on daqqa gol-bieba ksirt qisni biex indur lejn ir-roundabout biex ma jtunix daqqa head on u qisna kellna,

Qorti: U hbattu,

Avukat: U l-hsara li ghamlulek fejn kienet?

Xhud: Il-hsara li ghamluli il-bonnet m`ghamluliex hsara bhal ma ndikaw huma hsara li kelli mera mudguard u fanal.

Avukat: Daqsekk issa jigifieri inti dan ha nurik naqra l-isketch jew uri naqra dak ir-ritratt li ghandek hemm ezebixxi dak ir-ritratt,

Qorti: DOK BP1 ir-ritratt haddtu int?

Xhud: Le le ma haddtux jiena dan,

Qorti: Mela ma tistax tezebih.

Avukat: Min hadu dak ir-ritratt?

Xhud: Le dan huwa minn fuq l-internet imma dan haddtu jiena dan jien haddtu u dan haddtu jien ukoll.

Qorti: Mela nezebuhom.

Avukat: Issa min habat go min?

Xhud: Mir-ritratt tista tara li huma dahlu go fija.

Qorti: Jien ma jinterresanix min dahal go min, min biddekl il-lane?

Xhud: Jiena kont hiereg minn gor-roundabout igifieri jiena ridt nohrog lejn Hal-Far.

Qorti: Min biddel il-lane?

Xhud: Jiena kont fuq il-lane it-tajba jien ma biddiltx lane jiena ridt nohrog minn gor-roundabout.

Qorti: Inti qed tghid li huma biddlu il-lane igifieri?

Xhud: Huma kienu gejjin hekk u jiena just kont hiereg mir-roundabout.

Avukat: Hu qieghed mar-roundabout sejjer lejn id-direzzjoni lejn Hal-Far u l-ohrajn gejjin minn naha ta barra,

Qorti: Allura bilfors irid ibiddel il-lanes u,

Xhud: Le le kont fuq il-lane l-ohra kont fuq il-lane ta barra jiena.

Qorti: Inti taqbel ma l-isketch jew le?

Xhud: Hemmekk mhux fejn sar l-impatt le ma naqbilx.

Qorti: Kif spiccajtu sinjur?

Xhud: Iva spiccajna hekk iva naqbel.

Qorti: Int fejn kont ezatt qabel l-incident?

Xhud: Fejn kont qabel gej il-McDonalds mat-tifla.

Qorti: Qabel l-impatt urini bl-X? Fejn laqtek igifieri inti qed tghid biddel il-lane tal-pulizija biex dahal fik? S`issa hadd ma semmieli lanes jien mil-lanes jinteressani.

Xhud: Mela mir-ritratt tista tara sinjura,

Qorti: Allura ma stajtux tahbtu jekk hadd ma biddel il-lanes skuzawni.

Avukat: Le le ha nghidlek ippermettili le le le ma kien hemm hadd li biddel il-lanes il-klijent tieghi qieghed fil-lane in-naha ta gewwa jibqa sejjer id-direzzjoni ta Hal-Far minn naha ta barra mal-lane gejjin il-pulizija biex imorru iz-Zurrieq tajjeb,

Qorti: Trid titla tixhed int minfloku skuzani ta.

Avukat: Hekk qed jghid hekk qal hu.

Qorti: Kontu fl-istess lane meta hbattu?

Xhud: Jiena kont fuq il-lane ta` barra huma kienu naqra iktar biex jabzuni kienu.

Qortui: Fhimtek mela inti qed tghid kont fil-lane tieghek kont diehel ghall hemm gew huma gew biex jaqbzuk fuq in-naha ta` gewwa?

Xhud: Ezatt ghaghax huma kieneu qeghdin,

Qorti: Jahasra mela ixhdu sew, halli nifhem jien ma kontx hemm qabzuk minn naha ta` gewwa qed tghidli int?

Xhud: Minn naha ta` barra qabzuni.

Qorti: Minn naha ta` barra? Ta` geewa?

Avukat: Minn naha ta` barra tar-roundabout.

Qorti: Ok fhimtek, issa fhimtek sinjur

Xhud: Umbaghad huma gew spiccaw issakkru bejn ic-central strip.

Qorti: Fhimtek jien ma kontx hemm, mela fuq dik solved.

Avukat: Fuq l-insurance u l-licenzja x`ghandek xi tghid?

Xhud: Issa rigward x`hin sar l-impatt hrigna qaluli ghal-insurance ghandek ghedtilhom iva licenzja ghandek tajthom il-licenzja ovvjament il-pulizija ghamel xoghlu iccekja qalli isma ghandek licenzja qalli int qed issuq bla licenzja ghedtlu bla licenzja,

Qorti: Urini naqra xi haga.

Xhud: Genwinament jien ma kontx naf li tiskadi il-licenzja genwinament,

Qorti: Issa dik sta dik storja ohr, irrilevanti.

Xhud: Genwinament,

Qorti: X`ghandek prova li b`xi mod kien kopert?

Xhud: Le le le ghandi insurance kelli insurance keli

Xhud: Kont hiereg ir-roundabout l-antika fejn l-airport gahx mort bit-tifla il-McDonalds xi 9.30/l-10.00 ma nafx ezatt il-hin x`kien kont hiereg x`hin tohrog mil-McDonalds biex nerga indur mar-roundabout ha naqbad it-triq ta` Hal-Far ghax jien minn B`Bugia u nibqa sejjer lejn dan lejn B`Bugia waqt li nohrog mir-roundabout gifieri mhux l-ewwel wahda lejn il-Gudja inti ddur għandek l-ewwel wahda lejn

l-Gudja għandek it-tieni wahda imbagħad biex taqbad it-triq ta' Hal-Far kif ħa noħroġ it-triq ta' ħal-Far

Pulizija ovvjament bis-sirena kif jiena ħiereġ minn ġo roundabout huma kienu qed iduru man-naħa ta' barra, jiġifieri bejn il-lane ta' barra u bejn ic-central strip jew x'inhuma u ovvjament x'ħin rajthom qishom jidħlu ġo fijja ksirt l-hawn jien biex ma jidħlux head on ġo fija u sellħuli l-bieba tajruli l-mera imsomma u hekk intfajt fil-ġenb qaluli ma smajthiex is-sirena konna qegħdin fuq emerġenza hawnhekk nsomma ma niftakarx imbagħad eżatti x`għidtilhom għedtilhom jiena ma nistax jifhimni ma nistax intir bil-karozza u bażikament imbagħad waqafna hemmhekk.

Qorti: F`liema lane kont?

Xhud: Jien fil-lane ta' barra kont U dort ghal-gewwa, ghax fl-iskecc ma tidhirx li qieghed fil-lane ta` barra, mela jien kont, mela din hija karozza tiegħi proset issa hawnhekk iċċaqalqu wara l-karozza ovvjament jiena kont, jiena kont f`dil-lane ta` hawnekk hiereg hekk imma ovvjament x`hin.

Qorti: Ghamilli bil-biro, naqra diffiċli niftakar mijiet ta' sketches.

Avu: Issa barra minn dan hemm imbagħad x'ġara?

Qorti: Jiġifieri jien spiċċajt fuq il-lane l-oħra wara inċident?

Xhud: Le mela għax jien imbagħad mela jien umbaghad soqt biċċa għax imbagħad tant kienu xejn veloċità qawwija li.

Avu: Issa umbaghad x`gara?

Xhud: Imbagħad inżilna minn ġol-karozza qaluli taf li kont konna kellna x'serena mixgħula hawnhekk hu imbagħad tlajna hawnekk il-qorti tlajna mat-tieni darba qaluli.

Qorti: Huma hargu fit-triq jiġifieri ma kinux mar-roundabout?

Xhud: Le huma kienu qed iduru mar-roundabout ukoll.

Qorti: Allra jekk kont f`dik il-lane kif?

Xhud: Hemm biċċa l-kbira hemmhekk kien hemm biċċa kbira u bdew iduru ma' dik il-fetħa huma infatti kienu lanqas kienu ġo lane lane huma kienu bejn il-lane ta' barra u bejn is-central strips u bdew iduru bis-saħħa m`hemmhekk biex jiskapulaw fhimt imbaghad il-pulizija ammettew hadu it-tort ikkuntattjawni u hallsuli ircevejt il-flus tal-ispejjez m`ghand il-puizija stess.

Qorti: Ghandek xi ittra jew xi haga li turi li ircevejt dal-hlas?

Xhud: M`ghandix ittra hallsuni pero.

Avu: Dawn kienu nieħdu u ikkonfermaw li t-tort kien tagħhom u ħadu t-tort. Mela in rigward il-licenzja int kellek licenzja?

Xhud: Kelli licenzja iva.

Avu: Ghax qeghdin jghidu hawnhekk li ma kellekx licenzja?

Xhud: Kelli iva.

Avu: Zgur?

Xhud: Le kelli licenzja qalli ghandek licenzja tajtu il-licenzja qalli hawnekk il-licenzja skaduta mur hallasha it-Transport Malta u ejja l`hawn l-Ghassa mort l-ghada hallast tat-Transport Malta u mort biha ghand il-pulizija qalli orajt tista tmur.

Avu: Kellek insurance?

Xhud: Iva, zgur mal-Elmo Insurnace.

Avu: Rapprezentant tal-Elmo kien xehed sinjura?

Qorti: Iva.

Xhud: Iva kien xehed.

**<u>George Stagno Navarra,</u>** Rapprezentant Elmo Insurance,xehed hekk :

Xhud: Iva nahlef, Gejna mitlubin biex ngħidu dwar vettura tal-marka Mazda Demio bir-reġistrazzjoni LDB 325 kif kienet assigurata fit-8 ta' Diċembru tal-2020 jiena ġibt kopja taċ-ċertifikat tal-insurance fejn il-vettura kienet assigurata magħna f'isem Bojan Petrovic mil-data ta' 3 ta' Jannar 2020 sal-31/12/2020 drivers kienu the insured and any person over 25 setgha jsuqha dil-karozza.

Pros: L-istess polza li qed issemmi jekk jogħġbok hemm once li persuna ma jkollhiex liċenzja tas-sewqan tigi valida?

Xhud: Skond l-exeptions tal-polza hemm zewg items li jistgħu japplikaw f'dan il-każ if the car is driven by any person who is not an authorise driver or who has not held a driving license dawk huma exeptions of the policy.

Qorti: Jiġifieri jekk ma jkollux?

Xhud: Jekk ma jkollux liċenzja tas-sewqan jew ma jkunx awtorizzat bil-polza li jista' jsuq fil fatt din qiegħda drivers over 25, issa min kien qed isuqha ma nafx jien dak il-ħin.

Qort: Imma Hu kien fuq il-polza hu stess hux hekk?

Xhud: Hu iva the insured obviously.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta car mid-dinamika tal-incident li l-impuata ma kienx responsabbli ghall-incident u bhekk mhxu hati tal-ewwel (1), tieni(2), tielet(3), u sitt (6) akkuza.Irrizulta ukoll li kien fil-pusses ta' polza ta ta' assikurazzjoni valida u bhekk mhux hati tal-hames(5) imputazzjoni ( vide P vs Own Schembri 18/12/23 per Mag Y Micallef Stafrace) Izda jirrizulkta car li hu jhati tar-raba'(4) impuatzzjoni minn Dok TM.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l- Artikolu 328(d)tal-Kap 9 Art 15(1)(a)(2)(3)tal Kap 65 Art 3(1) Kap 104 SL65.11 Art 75 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Bojan Petrovic hati tal-ewwel (1), tieni(2), tielet(3) hames(5) u sitt(6),imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena rigwardanti l-istess izda issibhu hati tar-raba'(4) impuatazzjoni u tikkundannah ghal multa ta' mitejn u hamsin euro (250).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**